# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-8 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru 2357/99 GC**

**Anthony Vella**

**vs**

**Roderick Cilia**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut waqt li kien qed isuq il-van Transit numru ta' registrazzjoni HAL-589, proprjeta tal-attur, kien involut f'incident stradali f'Ghaxaq By Pass, fl-14 ta' Ottubru 1999 ghall-habta tat-3.30 am;

Illi ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut minhabba imperizja, negligenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-konvenut ammetta htija ghall-incident stante li waqt li kien isuq hu habat go diversi karozzi li kienu ipparkjati;

Illi ghalkemm interpellat jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni fil-vettura tal-attur, inkluz ukoll kiri ta' karozza ohra ghaz-zmien tat-tiswija, excess li l-attur kellu jhallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

L-attur ghalhekk talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur htija tal-konvenut;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluz dawk tas-sekwestru kawtelatorju datat 21 ta' Ottubru 1999, tal-ittra bonarja tal-25 ta' Ottubru 1999, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-eccipjent mhux responsabbli ghall-incident "de quo";

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-hieda prodotti mill-attur u lill-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fl-14 ta' Ottubru 1999, kmieni filghodu u cioe ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, l-konvenut kien involut f'incident stradali li sehh f'Ghaxaq By Pass, Ghaxaq. F'dan l-incident il-konvenut kien qed isuq van tal-marka Ford Transit numru ta' registrazzjoni HAL-589 proprjeta tal-attur. Dak iz-zmien il-konvenut kien in effett impjegat mal-attur. Fl-incident il-konvenut baqa diehel f'diversi vetturi li kienu parkeggjati;

Ghall-attur hu ovvju li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident. L-attur jippretendi li huwa sofra danni bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Dawn l-allegati danni jikkonsistu fil-hsara li garrbet il-vettura tal-attur involuta fl-incident, il-hlas ta' "excess" da parti tal-attur ghar-rigward tal-hlas tal-hsarat sofferti minn terzi fil-vetturi li kienu parkeggjati u l-kiri ta' vettura da parti tal-attur sakemm issewwiet l-istess vettura tal-attur. Jirrizulta li b'kollox dawn l-ispejjez kollha ammontaw ghas-somma ta' elf sitt mija u disa u ghoxrin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1629.25);

Da parti tieghu il-konvenut qed jghid li huwa mhux responsabbli ghall-incident in kwestjoni;

Il-konvenut jghid li dan l-incident sehh wara li huwa lesta x-xoghol tieghu mal-attur u kien qed jirritorna d-dar tieghu. Dak iz-zmien il-konvenut kien, bhala "foreman", jiehu hsieb xoghol, li kien jiehu l-attur, u li kien xoghol ta' tindif ta' toroq u ta' swali bhal swali tat-tigijiet. Bhala "foreman" il-konvenut kien jiehu hsieb diversi impjegati. Il-konvenut qal li f'dik il-gurnata in kwestjoni huwa beda x-xoghol fit-8.00 am u sat-3.00 pm huwa kien impenjat f'xoghol ta' tindif ta' xi toroq f'Haz-Zebbug. Sussegwentement sar xoghol ta' tindif f'Dipartiment tal-Gvern il-Furjana, fejn ix-xoghol dam sejjer sas-6.00 pm. Wara huwa mar id-dar tieghu biex jiekol pero' mhux qabel ma kellem lill-attur biex jghidlu kif kien mar ix-xoghol sa dak il-hin. F'xi hin wara huwa mar ir-Rabat biex isir xoghol ta' tindif ta' sala tat-tigijiet. Dan ix-xoghol dam xi erba' sieghat. Meta spiccaw dan ix-xoghol il-konvenut mar il-Qrendi ghand l-attur biex tah ic-cwievet tas-sala u wara, kif kien fi triqtu lura lejn id-dar tieghu fiz-Zejtun, gara l-incident in kwestjoni;

Dwar l-incident il-konvenut jghid li kien ghaddej qed isuq fit-triq in kwestjoni meta f'hin minnhom, minghajr ma jaf kif, baqa diehel fuq diversi karozzi li kienu parkeggati fuq in-naha tax-xellug tieghu. Huwa ma eskludix li seta raqad fuq l-isteering. Huwa jghid li rrealizza x'kien gara mal-habta. Fid-dawl ta' dan kollu jidher li l-konvenut qed isostni li l-incident gara minhabba li huwa kien ghaijjin, tant li mhux qed jeskludi li seta' raqad fuq l-isteering wheel. Il-konvenut qed jallega li huwa kien hekk ghajjin in vista tal-mod kif huwa kien impenjat fix-xoghol tieghu fis-sieghat li pprecedew l-istess incident;

Il-konvenut, meta stqarr mas-Surgent tal-Pulizija kif gara l-incident, ma ghamel l-ebda referenza ghall-fatt li huwa kien qed jirritorna d-dar tieghu mix-xoghol u lanqas ma semma x-xoghol kollu li skond hu jghamel fis-sighat li precedew l-incident. L-istess Surgent ikkonferma li l-konvenut Cilia qallu biss li l-vettura li kien qed isuq gibditlu ghal fuq ix-xellug tieghu u minhabba f'hekk l-istess konvenut baqa' diehel f'hames karozzi parkeggjati. Il-konvenut jghid li huwa ma tax iktar informazzjoni peress li gie biss mistoqsi kif gara l-incident;

Din l-ispjegazzjoni tal-konvenut mhux daqstant konvincenti. Hu ragjonevoli li, sabiex il-konvenut jiskolpa ruhu mal-ewwel, jiddikjara ma minn kien qed jinvestiga l-kollizzjoni li huwa seta kien fisikament ghajjin in vista tax-xoghol kollu li kien ghamel. Lanqas ma huwa ghal kollox konvincenti l-konvenut meta jghid li huwa tant hadem li dan effettwa l-istat fisiku tieghu fil-hin tal-incident. In effett l-attur jichad li l-konvenut hadem dawk is-sieghat kollha li l-istess konvenut jghid li hadem. Inoltre mir-rakkont tal-konvenut stess jirrizulta li kien hemm certu hin, relativament twil, li fih huwa seta jistrieh u cioe minn meta huwa jghid li mar id-dar tieghu biex jiekol sakhemm huwa mar biex inaddaf is-sala tat-tigijiet. Jigi rilevat li l-konvenut stess stqarr li x-xoghol fis-sala tat-tieg beda wara li kien spicca t-tieg in kwestjoni;

Da parti tieghu l-attur fl-ebda hin ma qal li l-konvenut mar jikkonsenjalu c-cwievet ftit qabel li sehh l-incident. L-istess attur jghid li meta staqsa lill-konvenut x'kien qed jghamel barra dawk il-hinijiet, l-istess konvenut wiegbu li kien hareg mal-gharusa tieghu. Dan kollu jkompli jitfa dubji fuq il-versjoni tal-konvenut;

F'dawn ic-cirkostanzi kollha ma jistax jinghad li dak li qed isostni l-konvenut dwar r-responsabilita' gie sufficjentement ippruvat. Minn naha l-ohra jirrizulta pruvat li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal-dan l-incident u konsegwentement ukoll ghad-danni relattivi;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-attur u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' elf sitt mija u disa u ghoxrin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1629.25) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-istess somma ta' Lm1629.25 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.